Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

## Appell Numru 4/2018

Ivan Camilleri għan-nom tat-Times of Malta

Vs

Ministeru għall-Ekonomija, Investimenti, u Intrapriżi Żgħar

Deċiżjoni 15 ta' Jannar 2019

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra l-appell intavolat mill-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar li permezz tiegħu appella mid-deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2018 li permezz tagħha kien permezz ta' avviż ta' infurzar ordna li l-Ministeru għandu jgħaddi lil Ivan Camilleri noe kopja tal-kuntratti ta' dak il-"consultants appointed by the Ministry through a direct order" li permezz tiegħu qed jitlob li dan it-tribunal jirrevoka u jħassar dan l-avviż tal-infurzar tal-20 ta' Frar 2018.

**Il-fatti tal-każ**

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni l-appellat Ivan Camilleri noe talab lil Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data sabiex jordna lil Ministeru appellant jiżvela:

*A list of all consultants /advisors engaged by the Ministry and of any of the entities under its remit since the beginning of 2016 until the time of reply of this request;*

*A list specifying their role, expertise in the area they are advising;*

*A copy of their respective contract with the Ministry or any of the entities falling under the Ministry's responsibilities. (vide ittra tal-5 ta' Jannar 2018 tal-Kummissarju).*

Illi fir-risposta tagħha tal-5 ta' Frar 2018 s-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru Nancy Caruana wiġbitu li l-ewwel żewġ talbiet ta' Ivan Camilleri noe diġà ġew milqugħa u difatti tali informazzjoni ġiet uploaded fis-sistema tal-Ministeru fit-17 ta' Novembru 2017 fis-13.02.55 hours, cioe qabel ma l-Kummissarju bagħatu l-ittra tiegħu tal-5 ta' Jannar 2018 lill-istess Ministeru u li t-tielet talba tiegħu ma tistgħax tiġi milqugħa minħabba li tali dokumenti huma exempt documents '*since their disclosure would prejudice the attainment of objectives and the effectiveness of procedures of MEIP and could also have substantial adverse effects on the proper and efficient conduct of operations of MEIP particularly in its relations with the individual consultants and advisors of MEIB and its entities.* "

Illi permezz ta' ittra tal-20 ta' Frar 2018 l-Kummissarju bagħat jinforma lil Ministeru li għandu jgħaddi lil Ivan Camilleri noe kopja tal-kuntratti ta' dak il-"consultants appointed by the Ministry through a direct order".

**L-aggravji tal-Ministeru huma dawn:**

1. Il-kopji tal-kuntratti jikkontjenu informazzjoni personali u sensittiva protetta that l-Att dwar il-protezzjoni u l-Privatezza tad-Data

2. F'kull każ id-dokumenti mitluba u li dwarhom inħareġ l-avviż ta' infurzar huma eżenti mill-iżvelar skont l-artikolu 38 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta u li tali informazzjoni hija ta' natura kummerċjali li l-iżvelar tagħha jista' jkun preġudizzjali skond l-artikolu 38 tal-kap 496 u li tali informazzjoni ma hix ta' interess pubbliku u għalhekk ma għandhiex tifforma parti minn talba that l-Att dwar il-Libertà ta' Informazzjoni u għalhekk talab lil Kummissarju sabiex iħassar l-avviż ta' informazzjoni tal-5 ta' Jannar 2018 skond l-artikolu 24(7) tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta .

3. l-informazzjoni mitluba tikkontejni biss u unikament data personali relattiva għall-persuna identifikata u ma hija ta' ebda relevanza jew interess pubbliku.

Fir-risposta tiegħu l-appellat Ivan Camilleri noe wieġeb li l-Ministeru huwa Awtorità Pubblika u dan it-Tribunal għandu jsegwi u jisma dak li għandu xi jgħid il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data fuq dan l-appell;

Li l-appell interpost ma jinkwadrawx fil-parametri ta' dritt ta' appell mogħti lil awtorità pubblika taħt l-artikolu 39(2) tal-Att għaliex l-istess appell la ma jattakka l-mod jew il-formalita u l-vires tal-avviż ta' infurzar u lanqas ma jattakka d-diskrezzjoni tal-Kummissarju iżda jattakka l-funzjoni tal-istess Kummissarju li jara u jinvestiga qabel ma jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni lilu ta' l-applikant għall-informazzjoni mitluba mill-awtorità pubblika;

l-appellanti qed ifittex li juzurpa l-funzjoni tal-Kummissarju;

li l-avviż ta' infurzar tal-Kummissarju appellat huwa ġust , ekwu u legali u għandu jinżamm u għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud.

Ra l-verbal ta' dan it-Tribunal tal-14 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu laqa it-talba tal-Kummissarju għal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data sabiex jintervjeni f'dan l-appell.

Fir-risposta tiegħu l-Kummissarju qed jitlob li l-appell tal-Ministeru għandu jiġi miċħud u l-avviż tal-infurzar maħruġ minnu fl-20 ta' Frar 2018 jiġi konfermat u dan għar-raġunijiet segwenti:

d-dokumenti rikjesti ma humiex biex huwa jgħaddihom lil Ivan Camilleri noe iżda sabiex huwa jkun jista' jiddetermina jekk l-Ministeru qua awtorità pubblika kienetx konformi mar-rekwiżiti tal-Att liema talba huwa għandu kompetenza jagħmilha ai termini tal-Artikolu 24 tal-tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tant li kemm il darba l-Kummissarju wara li jieħu konjizzjoni ta' dawn id-dokumenti jiddeċiedi li Ivan Camilleri noe ghandu dritt ghalihom, il-Kummissarju ma jipprovdix lill-applikant huwa nnifsu bid-dokumenti in kwistjoni imma jordna lil Awtorità Pubblika sabiex tagħti aċċess lill-applikant u l-istess Awtorità Pubblika għandha dritt li tappella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju li jkun ordna tali żvelar.

Li l-appell għandu jiġi miċħud in toto stante li l-appell qed isir huwa bażat għaliex l-applikant cioe Ivan Camilleri noe għandux ikollu aċċess għad-dokumenti meta l-mertu huwa differenti u cioe jekk il-Kummissarju għandux dritt għad-dokumenti mitlubin permezz tal-Avviż.

Li t-talba tal-appellanti li permezz tagħha qed jitlob lil dan it-Tribunal jikkonferma li t-talbiet kollha mertu tal-applikazzjoni ta' Ivan Camilleri għan-nom ta' Allied Newspapers limited gew sodisfatti precedentement l-istess avviż ta' infurzar hija qarrieqa stante li t-talba tal-applikant ġiet rifjutata u wkoll l-Awtorità Pubblika cioe l-Ministeru lanqas biss provda lill-Kummissarju bid-dokumenti in kwistjoni sabiex jkun jasal għad-deċiżjoni.

Ra li skond l-istess verbal tal-14 ta' Ġunju 2018 l-partijiet qablu li jagħmlu nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward u li l-appell jitħalla għad-deċiżjoni għas-seduta tal-1 ta' Novembru 2018.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-1 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu ordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sakemm jiġi deċiż ir-rikors tal-Ministeru appellant sabiex d-dokumenti esibiti minn Ivan Camilleri noe man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jiġu sfilzati.

Ra d-digriet tat-12 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu dan it-Tribunal laqa' t-talba tal-Ministeru appellant u ordna li tali document jiġi sfilzat u ħalla dan l-appell għad-deċiżjoni għass-seduta tad-29 ta' Novembru 2018.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu t-Tribunal iddikjara li kellu bżonn aktar żmien għall-prolazzjoni tas-sentenza u ħalli dan l-appell għad-deċiżjoni għass-seduta tal-15 ta' Jannar 2019.

Ra l-atti kollha ta' dan l-appell inkluż n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ministeru appellanti u ta' Ivan Camilleri noe.

Ra li l-Kummissarju qua intervenut ma ppreżentax n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Li ma hemmx kontestazzjoni li l-Ministeru appellanti jaqa taħt it-tifsira ta' Awtorità Pubblika skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta .

Li bħala prinċipju ġenerali l-istess Kap jipprovdi fl-artikolu 3 li kull persuna eliġibbli għandha dritt ta' aċċess għal-dokumenti miżmumin minn awtoritajiet pubbliċi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-att u bla ħsara għalihom.

Li Ivan Camilleri huwa persuna eliġibbli ai termini tat-tifsira mogħtija fl-artikolu 2 tal-istess Kap.

Li skond l-artikolu 24 tal-istess Kap 496 il-Kummissarju l-ewwel jibgħat lill-awtorità konċernata avviż ta' informazzjoni u l-artikolu 25 tal-istess Kap jawtorizza lil Kummissarju joħroġ avviż ta' infurzar kemm-il darba l-Awtorità tkun naqset minn dak mitlub minnu.

Illi tali avviż ta' infurzar japplika skond l-artikolu 27 sakemm l-awtorità pubblika ma jkollhiex raġuni valida għaliex qed tirrifjuta li tagħmel dak ordnat minnha mill-Kummissarju.

***L-ewwel agravju***

Skond l-appellanti huwa jsostni li għandu raġuni valida stante li:

a. Tali informazzjoni hija informazzjoni u jew data personali ai termini tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u skond l-artikolu 5(3) tal-Kap 496 dan l-atti ma japplikax safejn tali dokumenti jkunu fihom data personali suġġetta għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta li mil-25 ta' Mejju 2018 ġie sostitwit bl-Att XX tas-sena 2018.

   Li skond l-Kap 440, jagħti tifsira ta' data personali u ġaladarba ġew provduti l-ismijiet tal-konsulenti/advisors u r-rwol tagħhom mal-Ministeru jew mal-entitajiet relattivi l-informazzjoni l-oħra mitluba cioe *A copy of their respective contract with the Ministry or any of the entities falling under the Ministry's responsibilities.*; dan ma hux fl-interess pubbliku.

Illi preliminarjament, dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-Ordni ta' Infurzar maħruġa mil-Kummissarju fl-20 ta' Frar 2018 u jkun għaqli kif għal futur meta joħroġ tali ordni huwa jispjega eżatt x'inhi l-proċedura għax ħafna drabi din it-titubanza tigri minħabba li l-affarijiet ma jkunux ċari mal-ewwel.

Illi kif sewwa rrileva l-Kummissarju u l-appellat Ivan Camilleri noe l-Kummissarju ma ordnax li dawn il-kuntratti jiġu żvelati lil Ivan Camilleri noe iżda talab li dawn jiġu mgħoddija lilu sabiex huwa jkun jista' jieħu konjizzjoni tagħhom u jekk jiddeċiedi li jilqa' t-talba ta' Camilleri noe huwa lanqas kieku jrid ma għandu l-poter jagħmel dan iżda għandu poter biss jordna lil Ministeru li jagħmel dan u kemm-il darba l-Ministeru ma jaqbilx ma' tali deċiżjoni huwa jista' dejjem jappella minnha. Però l-Kummissarju huwa marbut li tali dokumenti ma jizvelhom lil ħadd.

Li għalhekk l-appellanti ma jistgħax jgħid li l-Kummissarju laqa' t-talba ta' Ivan Camilleri noe kif qed jallega huwa fl-ewwel agravju tiegħu stante li ebda deċiżjoni ma għadha ttieħdet fir-rigward minn l-istess Kummissarju u għalhekk dan l-agravju qed jiġi miċħud.

***Dwar it-tieni agravju***

Skond l-appellanti d-dokumenti mitluba huma eżenti mill-iżvelar skont l-artikolu 38 tal-kap 496 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan huwa l-każ meta tali żvelar isir lil min qed jilmenta cioe lil Ivan Camilleri noe f'dan il-każ iżda mhux meta tali żvelar isir lil Kummissarju tant li l-Kap 496 stess jipprovdi fl-artikolu 26 tal-istess Kap li huwa l-Prim Ministru biss li fil-proċess ta' avviż ta' deċiżjoni jew infurzar maħruġ

mill-Kummissarju fir-rigward tal-iżvelar ta' document li jista' jeżenta tali document u għalhekk tali ordni ta' żvelar jew ta' infurzar tiġi nulla.

Illi f'dawn il-proċeduri l-Kummissarju għadu ma iddeċidiex jekk dawn id-dokumenti humiex eżenti jew le u għalhekk l-appellanti ma jistgħax f'dan l-istadju jiddeċiedi huwa li dawn huma eżenti meta ma hemmx għad-deċiżjoni fir-rigward.

Illi għalhekk dan l-agravju qed jiġi miċħud.

***Tielet agravju - Nuqqas ta' ħtieġa tal-iżvelar***

Anke dan l-agravju qed jiġi miċħud stante li l-Kummissarju għadu ma iddeċidiex li hemm ħtieġa o meno ta' żvelar iżda li l-ħtieġa ta' żvelar fil-konfront tiegħu biss tad-dokumenti rikjesti taqa' taħt il-kompetenza tiegħu.

Illi din id-deċiżjoni l-Kummissarju jista' jagħmilha biss meta l-Ministeru jgħaddilu d-dokumenti rikjesti.

Għaldaqstant l-appell tal-Ministeru appellanti qed jiġi miċħud.

Dan it-Tribunal ma jistgħax ma josservax li wasal iż-żmien li f'materji ta' ordni ta' infurzar ta' din ix-xorta għandhiex tiġi emendata l-liġi sabiex tali kompetenza tkun mal-ewwel tal-Qorti tal-Appell sede inferjuri u ma tibqgħax aktar bħal bil-proċedura preżenti li l-ewwel isir appell quddiem dan it-Tribunal u wara jsir appell quddiem dik il-Qorti, kif del resto insibu fir-Renju Unit u f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropeja.

Bil-kunsens tal-partijiet dan it-Tribunal jordna li komunika ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lil Ministru tal-Ġustizzja, l-Ministru konċernat sabiex jikkonsidra tali emenda fil-liġi.

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru